# FIL-QORTI CIVILI
# [SEZZJONI FAMILJA]

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Nhar il-Erbgha 11 ta' Mejju 2016

## Mandat Numru : 80/2016/1 JPG

**L-Avukat Dottor Stephen Thake (K.I. Numru 0650258(M))**
**bhala mandatarju specjali tal-assenti Josephine Podesta (K.I. Numru 0180701L)**

**Vs**

**Wilfred A. Podesta (K.I. Numru 0986549(M))**

## Il-Qorti ,

Rat ir-rikors tal-4 t'April 2016 tal-Avukat Dottor Stephen Thake bhala mandatarju specjali tal-assenti Josephine Podesta ai termini tal-prokura specjali moghtija mill-imsemmija Josephine Podesta li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti, ghandu interess li jitharsu il-jeddijiet tal-esponenti:*

*Illi l-esponent, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli jiddisponi minn flus u/jew assi ohra f'isem il-konjugi jew min minnhom f'kontijiet bankarji go banek barra minn Malta.*

*Illi l-esponenti qeghda tipprocedi kontra l-intimat permezz ta' ittra ta' medjazzjoni pprezentata kontestwalment.*

*Illi l-esponent se jigi pregudikat jekk l-intimat ma jigix inibita kif inghad:*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet tal-4 t'April 2016 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro-parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tat-13 t'April 2016 fis-12:45pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi fit-13 t'April 2016 (Vide dorso fol. 6);

Rat ir-risposta ta' Wilfred Podesta tal-20 t'April 2016 (a fol. 9 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi qabel xejn l-esponenti jixtieq igib is-segwenti fatti konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex tapprezza cirkostanzi attwali bejn il-partijiet*

2. *Illi r-rikorrenti Josephine Podesta abbandunat id-dar matrimonjali habta u sabta u marret tghix l-Ingilterra (almenu milli jidher mill-informazzjoni limitata li ghandu l-esponenti);*

3. *Illi r-rikorrenti abbandunat kemm lill-esponenti ta' 66 sena, wara 29 sena zwieg, kif ukoll lil binha li kien ghadu minorenni. Ir-rikorrenti qatt ma hadmet f'hajjitha peress li l-esponenti kien il-bread winner u dejjem ipprovda hu ghal martu u ghat tlett uliedu;*

4. *Illi l-esponenti m'ghandux assi barra minn Malta salv ghal joint accounts bankarji mizmuma bejn il-partijiet li r-rikorrenti stess taf dwarhom. Ghalhekk id-dritt pretiz mir-rikorrenti huwa purament u semplicement wiehed pekunjarju;*

5. *Illi skont l-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat;*

6. *Illi skont l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li r-rikorrenti prima facie jidher li ghandha dawk il-jeddijiet;*

7. *Illi mill-Artikolu 873 (2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrenti trid tissodisfa:*

- *Fl-ewwel lok, trid turi li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li tippretendi li ghandha; u*

- *Fit-tieni lok, trid tipprova li prima facie ghandha dawn il-jeddijiet.*

8. *Illi l-ligi ghalhekk thares il-jedd prima facie bhala rekwizit mehtieg ghall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew thassib;*[1]

9. *Illi dwar il-prova tal-jedd prima facie, il-gurisprudenza prevalenti nostrana taghllimna li ':.. huwa rekwizi oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat";*[2]

10. *Illi l-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju.Il-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta'akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju li ma jkunx jista' jigi irrimedjat. Irid jinghad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat mir-rikorrenti jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat;*[3]

11. *Illi l-hsara jew il-pregudizzju ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjorju cioe telf ta' qliegh jew flus. Di fatti, skont l-insenjamenti tal-Qrati taghna "tqis illi huwa ukoll mizmum li l-hrug ta Mandat ta' Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi*

---

[1] *Cassar Pulicino noe vs Caruana noe et – Qorti tal-Kummerc – digriet tas-26 ta' Mejju 1995*
[2] *Sentenza tal-14 ta' Lulju 1988*
[3] *'Avukot Victor Borg Grech vs Joseph Goson et noe" - Prim' Awla - digriet tat-2 ta' Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni*

*ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi";*[4]

12. *Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta' natura eccezzjonali: 'il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem";*[5]

13. *Illi l-Qorti taghna gjaladarba gharfu illi "r-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-porti rikorrenti jew ma taghmel xejn . B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f 'arma bhal din";*[6]

14. *Illi r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat;*[7]

15. *Illi jinghad ukoll illi talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma imissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd;*

16. *Illi ghandu jirrizulta pacifiku illi d-dritt pretiz mir-rikorrenti Josephine Podesta huwa biss wiehed pekunjarju semplici kontra zewgha u ghaldaqstant jonqos ir-rekwizit ta' hsara irrimedjabbli;*

17. *Illi konsewgentement dina l-Onorobbli Qorti ghandha tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi kostituttivi mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-esponenti;*

---

[4] *"Francis Barbara et vs Cormelo Barbara et" - Prim'Awla - sentenza tat-13 ta Mejju 2014.*
[5] *"Charles Mugliett vs Saviour Bonnici" - Prim' Awla - sentenza tal-25 ta' Jannar 2005*
[6] *"Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti" Prim' Awla" - digriet tat-18 ta' Lulju 2008.*
[7] *V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti" - Prim'Awla - sentenza tol-31 ta' Jannar 2011*

*Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimat ghandu diversi kontijiet f'istutizzjonijiet finanzjarji esteri.

Fosthom hemm zewg *joint accounts* fir-Renju Unit, wiehed mal-Scottish Mutual u iehor ma Scottish National fejn hemm depozitat minn ghoxrin elf lira sa hamsa u ghoxrin elf lira Sterlina f'kont wiehed; u sebghin elf lira Sterlina f'kont iehor. Imbaghad f'kont iehor f'Jersey Channel Islands l-intimat ghandu *current account* b'ammont zghir, cioe' elf u hames mitt lira Sterlina- vide xhieda a fol. 16.

L-intimat xhed pero illi huwa ghamel zmien konsiderevoli jahdem barra minn Malta u kellu kont bankarju mal-HSBC f'Abu Dhabi **li fih kien hemm depozitati circa mija u hamsin elf Ewro (€150,000**), vide xhieda a fol. 17.

Dan il-kont kien **gie trasferit fl-akkont tieghu mal-istess bank f'Malta** u **zbankati f'Marzu 2015.**

Mitlub repetutament mill-Qorti biex jghid fejn ddepozita dawn il-flus jew xtarax xi *shares*, proprjeta' jew assi ohra, l-intimat sempliciment ddikjara illi nefaqhom u l-uniku spjegazzjoni ta' nefqa sostanzjali li ghamel, kienet f'ammont ta' €9,000 f'xiri ta' karozza lil bintu - vide fol. 19 . L-intimat sostna illi la hu, lanqas il-konjugi flimkien, ma ghandhom assi, *shares* jew proprjeta' immobbli ohra barra minn Malta.

**Jirrizulta ukoll illi gia inhargu Mandati ta' Sekwestru fil-banek Maltin fuq l-akkonti bankarji tal-intimat.**

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u

**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal**-14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873 Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkunx jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.**

(Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx necessarjament bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"***

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**, u **Giovann Grech vs Kirsten Grech** deciza fil-**21 ta' Mejju 2015.**

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –Vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrenti nomine talab lil Qorti tohrog Mandat t-Inibizzjoni biex izomm lill-intimat milli, ***"jiddisponi minn flus u/jew assi ohra f'isem il-konjugi jew min minnhom f'kontijiet bankarji go banek barra minn Malta."*****-** Vide fol. 1.

Il-Qorti tgharaf illi ghar-rigward ta' *joint bank accounts* tal-konjugi Podesta, dawn l-akkonti ma jistghux jigu minsusa hlief bil-kunsens espress tal-kontendenti. Ghalhekk zgur illi ma jissusistix l-element ta' hsara jew pregudizzju li ma tistghax tigi rimedjata.

Illi ghal regward tal-akkont ta' HSBC f'Abu Dhabi fl-ammont ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000) l-intimat, bil-gurament tieghu, ddikjara illi dawn il-flus gew zbankati, u l-maggior parti taghhom ntefqu minnu.

Din il-Qorti, ghalkemm temmen illi l-intimat verament ttrasferixxa il-flus tal-kont tal-HSBC f'Abu Dhabi f'akkont mal-istess bank f'Malta, ma tista'b'ebda modd takkorda l-istess kredibilita' fil-maniera li biha asserixxa li, **fi zmien sena**, **berbaq** is-somma ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000).

Rinfaccata b'dawn c-cirkostanzi u fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, din il-Qorti pero' ma tarax l-utilita' wisq anqas il-htiega ghal hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni sabiex l-intimat ma jiddisponiex mill-flus f'kontijiet bankarji esteri kif mitlub, u dan l'ghaliex il-*joint accounts* tal-kontendenti huma protetti minhabba li jirrikjedu l-firem taz-zewg kontendenti waqt l-kont bankarju HSBC Abu Dhabi gie trasferit u zbankat **f'Malta**.

**Il-Qorti tavza l-kontendenti illi l-gid kollu li l-konjugi ikunu ghamlu fi zwieg sew jekk ikunu f'depoziti bankarji, sew fi proprjeta' mobbli jew immobbli, jappartjenu, taht ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti, <u>liz-zewg konjugi ugwalment</u>. Isegwi li kull parti huwa tenut li jiddisponi minn dan il-gid b'ghaqal ta' *bonus pater familias*. Ghalhekk il-konjugi huwa tenut li jrodd lura is-sehem tal-konjugi l-iehor ta' kwalunkwe ammont sparparjat.**

Ghal dawn il-mottivi tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi kostituttivi mehtiega ghal-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni kontra l-intimat u ghalhekk taqta' u tiddeciedi billi:

**Tichad** t-talba tar-rikorrenti nomine ghal hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni kif mitlub;

**Tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet taghha tal-4 t'April 2016 sa fejn kienet laqghet t-talba b'modd provvizorju.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moghti kameralment fil-11 ta' Mejju 2016**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**